KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 18**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru, 2020 fis-6.00p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Carmen Borg – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier

**UFFICCJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**17.01 ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

17.01.01 Louise Portelli – Kunsillier
Cynthia Tommasuolo – Kunsillier

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**18.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

18.02.01 Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 17 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**18.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

18.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew laqgħa fuq "Slow Streets' fil-Ħamrun. Huwa qal li spjega l-viżjoni tal-Ħamrun, dik li hemm bżonn nifs ġdid nadif u fl-istess waqt ngħinu n-negozji b'ambjent aħjar. Huwa informa lill-Kunsill li dawn ser jaghmlu l-istudju neċessarju u jkelmuna lura.

18.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-vettura l-ġdida inxtrat u qed tgħin hafna fil-ħidma tal-Kunsill.

18.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li t-tender tal-knis wasal fi stadju li jkun approvat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

18.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li kellna rispons posittiv mir-residenti ta' Triq Lord Byron

18.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li t-tisbieħ ta' Pjazza 7 ta' Ġunju tlesta, twaħħlu l-fanali l-ġodda u l-pavimentar ingħata ż-żebgħa.

18.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-pavimentar ta' Triq il-Kappillan Mifsud beda u x-xogħol għaddej ġmielu.

18.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill rigward il-proġett tal-ferrovija.

- Restwar ta' Showers u Toilet: Ser jiġi ffirmat kuntratt
- Konservazzjoni: Ser jerġa' joħroġ tender
- Pavimentar: Ser ikun hemm xi tibdil fil-materjal u jerġa' joħroġ tender.

18.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-pitturi u l-istatwa tal-librerija ser jitwaħħlu iktar tard dan ix-xahar.

18.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li fuq inizjattiva tal-ħaddiema Sarah Anne Scerri, il-Kunsill għamel xi cup cakes biex jinġabru donazzjonijiet fl-okkażżjoni tal-Pink October. Il-Kunsill apprezza din l-inizjattiva u rringrazjaħa.

18.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li kien hemm talba biex il-ħaddiema Angie Parnis tagħmel xi xogħol flessibli minħabba s-sitwazzjoni preżenti. Il-Kunsill

qabel li s-Segretarju Eżekuttiv jiddeċiedi skond l-ahjar għas-sitwazzjoni filwaqt li dan ma' jxekkilx il-ħidma tal-Kunsill.

Ġie deċiz ukoll li wara li saru l-intervisti, ż-żewġ impjegati Tiziana Bajada u Fiorella Schembri jingħataw il-promozzjoni għal skala 11 mil-14 ta' Ottubru, 2020 skond l-esiġenza tax-xogħol.

18.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li fl-aħħar sejħa biex nimpjegaw persuna b'diżabilita' bl-iskema, applikat is-Sinjorina Brenda Mifsud. Huwa qal li wara xi intervisti, jemmen li l-persuna hija ideali għax-xogħol li nixtiequ nassenjaw. Il-fatt li din l-istess persuna kienet diġa' taħdem magħna fuq skema differenti hija ta' għajnuna. Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi mpjegata hi.

18.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-Ħamrun issa qed jigi meqjus parti mill-Grand Harbour Regeneration Project.

18.03.13 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li t-Tender ta' Street Lightning maħruġ mir-Reġjun ġie merbuħ minn konsorzju magħmul minn Micamed u Nexos. Dan jinstab fil-proċess ta' iffirmar.

18.03.14 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-ftehim ma' Notebook Center skada. Il-Kunsill qabel li dan jiġedded u jingħata iktar promozzjoni biex residenti Ħamruniżi jkunu informati aktar.

18.03.15 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li hemm possibilta' li jsiru xi lezzjonijiet għal persuni tat-terza eta' skond il-linji gwida maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa. Dawn ser ikunu qed isiru s-Sibt filgħodu jekk ikun hemm interess. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru.

18.03.16 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-Kunsill irċieva xi nominazzjonijiet għal Ġieħ il-Ħamrun. Huwa qal li rċevejna ittra ffirmata minn diversi residenti, il-Klabb Ċiviku Ħamrun, il-Partit Laburista Ħamrun kif ukoll l-Għaqda Mużikali San Ġuzepp biex jinnominaw lis-sur Godwin Vella. Huwa ħadem ħafna biex il-Knisja tal-Madonna tas-Samra ssir Santwarju. Il-Kunsill qabel unanimament li huwa għandu jingħata Ġieħ il-Ħamrun. Il-Kunsill qabel li ssir il-preżentazzjoni wara l-laqgħa tal-Kunsill ta' Novembru.

## 18.04 Applikazzjonijiet għall-Fondi

18.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li hemm applikazzjoni biex jittieħdu xi fondi dwar Finanzjament għall-Krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fic-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u f'Għawdex. Huwa ssugerixxa li ssir applikazzjoni għal Triq il-Frangiskani ħdejn Gnien Salvinu Spiteri. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.04.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li hemm applikazzjoni biex jittieħdu xi fondi min Skema - Manutenzjoni u Sostenn ta' Progetti Infrastrutturali Magguri li gew imwettqa mill-Gvern. Huwa ssugerixxa li ssir applikazzjoni għal aċċessibilta' fil-proġett tal-Liċeo Roof Garden. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.05.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li hemm applikazzjoni biex jittieħdu xi fondi dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali. Aċċessibilita' u Mobilita'. Huwa ssuġerixxa li tinxtara vettura elettronika biex ngħinu l-anzjani u l-vulnerabbli. Il-Kunsill qabel unanimament.

**18.05 Ġnien Salvinu Spiteri**

18.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-proġett ta' Ġnien Salviu Spiteri huwa avvanzat. Huwa ssuġerixxa li mal-konki jsir mużajk ta' San Frangisk, dan il-mużajk jiswa €400 il-biċċa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**18.06 Skips Triq is-Sewwieqa**

18.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** irrimarka li wara r-rsiposti li rcevejna fis-survey li sar, il-maġġoranza taqbel li dawn l-iskips għandhom jitmexxew minn fejn qegħdin. Huwa qal li jemmen li zona bħal dik m'għandix tkun iddominata mill-iskart u fakkar li l-Ministeru tal-Ambjent ser ikun qiegħed jagħmel proġett ambjentali fiz-zona. Il-Kunsill qabel unanimament li jibda' l-proċess biex dawn jiċċaqalqu minn hemm.

**18.07 Marketing**

18.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** irrimarka li minħabba s-sitwazzjoni preżenti ġew ikkanċellati l-attivitajiet fil-Ħamrun. Għaldaqstant huwa ssuġerixxa biex jintużaw il-fondi li kienu allokati biex isir reklamara dwar il-Ħamrun. Huwa qal li jemmen li propoganda tajba dwar il-Ħamrun ikun programm fuq stazzjon televiżiv mhux politiku. Il-programm idealment ikun ta' mhux iktar minn 60 minuta u jingħata informazzjoni dwar il-Ħamrun. Il-Kunsill qabel unanimament li jibdew jinġabru stimi.

**18.08 Skeda ta' hlasijiet**

18.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' hlasijiet għax-xahar ta' Settembru, 2020.

**Il-Kunsillier Efrem Buttiġieg** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Carmen Borg** issekondat il-mozzjoni**.**

L-iskeda ta' hlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**17.09 Ħwejjeġ Oħra**

18.09.01 **Il-Kunsillier Vince Bonello** irrimarka li hemm bzonn isir xi ħaġa dwar il-problema tal-ħamiem. Huwa ġie infurmat li l-AKL kien beda xi xogħol u qed nistennew iktar informazzjoni mingħandhom.

18.10.02 **Il-Kunsillier Carmen Borg** infurmat lill-Kunsill li d-Day Centre ser ikun qiegħed jorganizza attivita' żgħira u ssuġeriet li l-Kunsill jagħtihom xi kotba biex l-anzjani jkunu jistgħu jaqrawom. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.10.02 **Il-Kunsillier Carmen Borg** irrimarkat li hemm xi ħsara fil-bankina ta' Triq Anton Buttiġieġ quddiem il-barbier sabiex tiġi rranġata.

18.10.03 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** xtaq jirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol li qiegħed isir. Huwa rrimarka li l-ħidma fuq l-ilmenti qed issir minnufiħ. Il-Kunsill qabel miegħu unanimament.

18.10.04 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** irrimarka li għadu qed jistenna kwotazzjoni minħabba l-Mobile App tal-Kunsill. Huwa qal li min kellu jtiħ il-kwotazzjoni kellu xi problemi, għaldaqstant ser jipprova jippreżentaħa fil-laqgħa li jmiss.

18.10.05 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** irrimarka li hemm flood light maqtuwa ħdejn Ġnien Oreste Chircop kif ukoll hemm bzonn li jitnadaf sprall ta' ħdejn il-Pet Shop li jinsab fi Triq Dun Nerik Cordina Perez. Huwa ġie infurmat li dawn qeghdin fil-lista ta' xogħolijiet.

18.10.06 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** staqsa dwar it-tabella ġdida ta' Triq Miġġiani. Huwa ġie infurmat li din ordnata.

18.10.07 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** irrimarka li qed ikun hemm skart illegali fi Triq Ġuże' Bajada. Huwa ssuġerixxa li tiġi installata Kamera tas-Sigurta'. **Is-Sindku Christian Sammut** qal li sfortunatament meta titwaħħal kamera r-rimi ta' l-iskart isir f'zoni ohra. Il-Kunsill qabel li jibqgħu jsiru r-rapporti.

18.10.08 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** staqsa dwar il-proġett soċjali li kellu jsir ħdejn il-Kunsill. **Il-Kunsillier Vincent Bonello** infurmah li huwa, s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Ministru. Huwa qal li l-Ministru jixtieq jgħin, iżda dan jixtieq li ma jittiħdux spazji miftuħa. Huwa qal li ser ikunu qed ikellmuna iktar 'il quddiem.

18.10.09 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda ir-Reply Managment Letter għas-Sena 2019. Il-Kunsill approva unanimament.

**18.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

18.10.01 Il-laqgħa intemmet fid-9:30p.m, u ġiet aġġornata għat-Tlieta 10 ta' Novembru fis-6:00pm.

Konfermati, illum, ____________________

____________________
Christian Sammut
Sindku

____________________
Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv